# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 1153/98mm**

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Yasmin Nuvoli taht il-polza u bil-ligi u l-istess Yasmin Nuvoli u b'nota tat-30 ta' Ottubru, 2000 Elmo Insurance Agency ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija estera assikurattrici Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Yasmin Nuvoli assumiet l-atti tal-kawza Yasmin Nuvoli vs Ryan Dimech bhala wahda mill-atturi minflok il-kumpanija Elmo Insurance Services Limited Nomine**

**vs**

**Ryan Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fl-4 ta' Gunju 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tieghu fil-21 ta' Awissu 1997 il-Mosta bejn it-Truck BAB 895 misjuqa minnu u l-karozza DMS 028 misjuqa mill-attrici Nuvoli ta' proprjeta' taghha u assikurata mal-kumpanija attrici u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m'ghandux ikun kundannat li jhallas is-somma ta' hames mija u erba u disghin lira Maltin tlieta u tmenin centezmi (Lm594.83c) bhala danni kwantu ghas-somma ta' hames mija erba u erbghin lira Maltin tlieta u tmenin centezmi (Lm544.83c) lill-kumpanija attrici bhala is-somma minnha sbursata taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' hamsin lira lill-attrici Nuvoli bhala s-somma li batiet u sbursat de proprio.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1998 u tal-ittra ufficjali kontestwali mibghuta lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' 8% mis-26 ta' Frar 1998 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort u htija ta' Yasmin Nuvoli u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi  stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni kif mitluba huma f'kwalunkwe kaz ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat fil-21 ta' Awissu 1997 fi Triq il-Bizbizija, Mosta bejn il-karozza DMS O28 misjuqa mill-attrici Yasmine Nuvoli u t-truck bin-numru BAB 895 misjuq mill-konvenut. Iz-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni u l-incident gara hekk kif din it-triq tizbokka fi triq principali illi taghti ghal Burmarrad.

Yasmine Nuvoli li kienet qieghdha ssuq il-karozza Escort DMS 028 qalet li meta waslet f'tarf ta' din it-triq hija esplorat it-triq principali biex tara kienux gejjin karozzi minn nahha tal-Mosta u minn nahha ta' Burmarrad. Kif rat illi t-triq kienet vojta u bdiet hierga, gie t-truck minn nahha ta' wara minn fuq il-lemin taghha misjuq mill-konvenut. Dan it-truck ghadda sbrixx magemba, baqa' diehel fuqha u baqa' sejjer. Nuvoli marret issuq warajh, iddoqq il-horn biex tigbidlu l-attenzjoni illi gara ncident u dana waqaf. Nuvoli hija korroborata b'din il-versjoni minn Mario Grech illi kien riekeb maghha. Peress illi l-karozza misjuqa mill-attrici

Nuvoli hija *left hand drive* dana Grech kien qieghed fuq il-lemin u l-hsarat fil-karozza graw fuq dik in-nahha. Dana jghid illi fl-ebda hin ma kien hemm it-truck quddiemu u cert illi gie minn warajh. Hu rah jigi magembu, jahbat u jibqa sejjer. Ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar l-ammont ta' danni illi qieghdin jirreklamaw l-atturi. Is-surgent illi nvestiga dan il-kaz, xehed illi ma kienx possibli illi jsir *sketch* ta' l-incident peress illi l-vetturi spiccaw wisq il-boghod minn xulxin. Filwaqt illi kkorrobora l-versjoni illi tat Nuvoli, rigward il-konvenut dana qal illi ma ndunax illi gara ncident. Il-kliem testwali illi uza s-Surgent huma "Dimech qal li ma kienx jaf illi laqat xi karozza ohra".

Il-konvenut ukoll ighid illi ma ndunax b'dan l-incident fix-xhieda tieghu illi ta quddiem din il-Qorti a fol 29 tal-process. Jsostni illi ma kienx hemm karozzi ohra quddiemu u Nuvoli ppruvat tinfilza bejn it-truck tieghu u l-hajt tax-xellug,b'hekk gara dan l-incident. Qal ukoll li ma kienx qed isuq fi Triq il-Bizbizija izda mit-triq l-ohra fejn ma hemmx hotob. Fi kwalunkwe kaz reggha kkonferma illi huwa ma kienx nduna bil-karozza l-ohra.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-versjoni moghtija mill-attrici Yasmine Nuvoli u Mario Grech hija aktar verosimili. Minn nahha l-ohra, rigward il-konvenut jidher illi kien hemm element ta' nuqqas ta' *proper look out* da parti tieghu biex ma ndunax illi gara ncident. Fix-xhieda tieghu illi ta f'dawn l-atti pero' jghid illi semgha hoss ta' habta izda baqa sejjer xorta wahda. Hu haseb li l-karozza l-ohra kienet baqghet

diehla fil-hajt. Dan in-nuqqas tal-konvenut jitfa responsabbilta' serja fuqu, l-ghaliex ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn sewwieq ma jindunax bil-vetturi l-ohra li hemm fit-triq. Kif sewwa qalet l-attrici, meta hija kienet qed tesplora t-triq, u hasret lejn il-lemin fid-direzzjoni tal-Mosta, ma jistax ikun li kien hemm truck magembha ghax kieku ma kienx ikollha l-viswali tat-triq.

Il-Qorti hija sodisfatta illi filfatt kien il-konvenut illi gie minn wara, u dar lejn ix-xellug lejn Burmarrad u waqt li kien qed jaghmel hekk, baqa diehel fuq il-karozza misjuqa minn Yasmine Nuvoli. Dan in-nuqqas ta' *proper look out* da parti tal-konvenut hu wkoll manifestat b'certa rresponsabbilta' meta baqa' sejjer avolja almenu kien jaf illi gara xi haga ghax semgha hoss ta' daqqa. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt jassumi illi huwa ma kienx involut f'incident f'dak l-istadju. Kien obbligat jieqaf biex jara x'gara halli jkunu jistghu jsiru l-investigazzjonijiet opportuni. Il-konvenut pero' ma ghamel xejn minn dan, izda baqa sejjer u kienet l-insistenza ta' Nuvoli li gaghlitu jieqaf. Dana, abbinat mal-fatt li minn kliem l-istess konvenut, irrizulta nuqqas ta' *proper look out* serju da parte tieghu, jpoggu l-oneru ta' dan l-incident nettament fuq spallejh u l-Qorti jidhrilha illi ghandu jwiegeb unikament u esklussivament ghal dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-incident illi gara l-Mosta fil-21 ta' Awissu 1997 bejn it-truck BAB 895 misjuq mill-konvenut u l-karozza DMS 028 misjuqa minn Yamsine Nuvoli u dana minhabba

traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' hames mija u erba u disghin lira Maltin tlieta u tmenin centezmi (Lm594.83c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont lill-atturi.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthnony Zammit

Dep Reg